

P6_TA-PROV(2007)0156

Rapport ta' progress dwar il-Kroazja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007 dwar ir-rapport ta' progress ta' l-2006 dwar il-Kroazja (2006/2288(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2005 biex jiftaħ in-negozjati tas-sħubija mal-Kroazja,
 - wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Progress tal-Kroazja ta' l-2006, ippublikat mill-Kummissjoni fit-8 ta' Novembru 2006 (SEC(2006)1385),
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Komitat Parlamentari Konġunt bejn l-UE u l-Kroazja tat-3 u 4 ta' Ottubru 2006,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' l-14 u tal-15 ta' Diċembru 2006,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007¹
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Komitat Parlamentari Konġunt bejn l-UE u l-Kroazja ta' l-20-21 ta' Marzu 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0000/2007),
- A. billi l-Kroazja kompliet tagħmel progress tajjeb fir-rigward tal-kriterji politiċi, ekonomiċi u dawk stabbiliti fl- *acquis* u għandha tkun imfaħħra għall-passi importanti li ħadet f'bosta oqsma sabiex tadatta l-leġiżlazzjoni tagħha fil-kuntest tal-proċess ta' screening,
- B. billi, sakemm il-Kroazja tindirizza l-isfidi pendenti u tiżviluppa biżżejjed il-kapaċità amministrattiva, in-negozjati għandhom ikomplu b' pass sostnut u għandhom iwasslu, hekk kif ikunu sodisfatti l-kriterji kollha u ngħalqu n-negozzjati, għal adeżjoni f'waqtha tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea,
- C. billi l-Kroazja għandha tagħmel l-aħjar tagħha sabiex twettaq ir-riformi meħtieġa sabiex in-negozjati jistgħu jkunu konklużi fi żmien xieraq biex il-Parlament Ewropew ikun jista' jagħti l-kunsens tiegħu qabel l-elezzjoni parlamentari UE li jmiss f'Ġunju ta' l-2009,
- D. billi l-prospetti għall-išhubija tal-Kroazja għandhom dimensjoni reġjonali peress li huma sinjal tanġibbli li, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki ta' l-2003, il-futur tal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent huwa verament fl-Unjoni Ewropea, kif kien ikkonfermat f'riżoluzzjonijiet varji tiegħu,

¹ *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0568.

- E. billi l-Kroazja qed tappoġġja b'mod espliċitu l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-ġirien tagħha,
 - F. billi lezzjonijiet mit-tkabbir li għaddew juru li kull pajjiż għandu jkun iġġudikat skond il-merti tiegħu, li l-pass tan-negozjati tas-šhubija għandu jiġi ddetat mill-konformità effettiva mal-kriterji ta' Kopenhagen u li l-grad ta' konformità ma' tali kriterji għandu wkoll jiddetermina d-data finali tas-šhubija,
 - G. billi t-Trattat ta' Nizza ma jagħtix bażi adegwata għal aktar tkabbir, u billi s-sustanza essenzjali ta' l-abbozz tat-Trattat li jstabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa għandu għalhekk jidħol fis-seħħ sa' l-aħħar ta' l-2008, sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji għal tkabbir futur u jgħin lill-Unjoni sabiex taħdem b'mod aktar effettiv, aktar trasparenti u aktar demokratiku, li huma rekwiżiti għal aktar tkabbir, billi, barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Kunsill iridu jaħdmu b'mod intens biex joħlqu l-prerekwiżiti neċessarji għat-tkabbir - u b'mod speċifiku għall-adeżjoni tal-Kroazja ma' l-Unjoni Ewropea,
 - H. billi hija r-responsabilità ta' l-Unjoni u mhux tal-pajjiżi kandidati li tiżgura l-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea għal aktar tkabbir b'suċċess,
 - I. billi l-proċess ta' screening konġunt tlesta b'suċċess f'Ottubru 2006 u n-negozjati bilaterali mal-Kroazja setgħu jibdeu sussegwentament dwar aspetti speċifiċi ta' l-acquis,
 - J. billi sa issa nfetħu sitt kapitoli differenti ta' l-acquis u tnejn, li jikkonċernaw ix-xjenza u r-riċerka u l-edukazzjoni u l-kultura, ingħalqu b'mod proviżorju,
 - K. billi l-Kummissjoni diġà użat 'benchmarks' sabiex timmoniterja l-progress ta' l-awtoritajiet Kroati f'oqsma kruċjali u sensittivi bħall-politika tal-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, il-moviment ħieles tal-kapital, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, il-politika soċjali u l-impjieġ,
 - L. billi hemm bżonn li l-isforzi tal-Kroazja biex jintlaħqu l-kriterji tas-šhubija jkunu sostnuti u mwettqa b'miżuri ta' implimentazzjoni effettivi u mekkaniżmi adegwati ta' monitoraġġ,
 - M. billi riforma kompleta ta' l-amministrazzjoni pubblika u tal-ġudikatura, flimkien mal-pulizija, hija ċentrali, u kundizzjoni neċessarja, biex jintlaħqu l-istandards meħtieġa għas-šhubija fl-UE,
 - N. billi analiżi sħiħa u oġġettiva ta' l-istorja riċenti tar-reġjun, rikonċiljazzjoni vera bejn il-popli differenti u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet diplomatiċi tajba jistgħu jagħtu kontribut sostanzjali għall-proċess ġenwin ta' l-integrazzjoni Ewropea,
 - O. billi l-prosekuzzjoni ta' reati tal-gwerra u r-rintegrazzjoni tar-refuġjati u ta' persuni spustati huma elementi fundamentali tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni,
1. Jinnota li l-Kroazja diġà għamlet progress kunsiderevoli fit-triq għall-išhubija ma' l-UE;
 2. Jikkonsidra li, b'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007 (COM(2006)0649), l-Kroazja għadha tissodisfa l-kriterji politiċi għall-išhubija u tista' tkun meqjusa bħala ekonomija tas-suq li qed tiffunzjona li għandha tkun tista' tilħaq ma' pressjonijiet kompetittivi u forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fuq żmien medju, sakemm timplimenta l-programm ta' riforma tagħha b'mod sħiħ sabiex tneħħi n-nuqqasijiet sinifikanti li jkun fadal;

3. Jifraħ lill-awtoritajiet Kroati għall-progress rapidu li sar s'issa fin-negozjati tas-šhubija, b'mod partikulari fl-adozzjoni ta' biċċiet prinċipali ta' leġislazzjoni f'oqsma kruċjali bħall-amministrazzjoni pubblika, l-amministrazzjoni tal-qrati u l-politika kontra l-korruzzjoni;
4. Jappoġġja l-gvern u l-oppożizzjoni fl-isforzi tagħhom, minkejja l-elezzjonijiet li se jsiru dalwaqt, li jieħdu deċiżjonijiet neċessarji, għalkemm xi kultant diffiċli, b'mod partikulari fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni u ta' l-għajjuna ta' l-istat, u jinnota li dawk id-deċiżjonijiet fl-aħħarnett ikunu ta' benefiċċju liċ-ċittadini Kroati kollha;
5. Jitlob lill-gvern Kroat biex isaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jimplementa liġijiet trasposti minn l-acquis communautaire għal-leġislazzjoni nazzjonali fl-oqsma kollha, speċjalment fil-qasam ta' l-ambjent;
6. F'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati sabiex iqisu b'mod xieraq it-tħassib muri mill-komunitajiet lokali u l-opinjoni pubblika fir-rigward ta' proġetti industrijali kontroversjali li jistgħu jkunu ta' theddida għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika, u jistedinhom iwaqqfu proċedura ċara u trasparenti li biha l-partijiet kollha interessati, u mhux biss l-investituri, jistgħu jiġu infurmati u kkonsultati;
7. Jistieden lill-gvern Kroat biex f'dan ir-rigward jirrispetta u jimplementa b'mod sħiħ dokumenti internazzjonali bħal ma huma l-Konvenzjoni ta' Aarhus u biex eventwalment jirratifika l-Protokoll ta' Kyoto skond l-istrateġiji ambjentali ta' l-UE l-aktar riċenti;
8. Huwa mħasseb bit-tnaqqis ta' l-appoġġ pubbliku fil-Kroazja għas-šhubija fl-UE u jilqa' l-fatt li l-Gvern u l-oppożizzjoni qed jingħaqdu biex jispjegaw lill-pubbliku l-benefiċċji ekonomiċi, politiċi, soċjali u kulturali li jirriżultaw mill-proċess tas-šhubija; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintensifika l-attivitajiet ta' informazzjoni tagħha stess li għandhom x'jaqsmu mal-benefiċċji msemmija hawn fuq;
9. Jenfasizza l-ħtieġa li b'mod mgħaġġel u effettiv ikunu implimentati r-riformi adottati sa issa biex il-Kroazja tkompli tiġi modernizzata u għalhekk tkompli ssaħħaħ u tistabilizza d-demokrazija u l-ekonomija tas-suq soċjali; f'dan il-kuntest:
 - (a) jinnota li d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Servizz Ċivili li jintroduċu t-trasparenza u l-oġġettività fil-ħatra u l-evalwazzjoni ta' l-impjegati tas-servizz ċivili mhux se jidħlu fis-seħħ qabel l-elezzjoni li jmiss; jinnota barra minn hekk li din id-deċiżjoni tista' toħloq impressjoni ta' dewmien f'dan il-qasam importanti u għalhekk tinkoraġġixxi l-ħsieb li d-determinazzjoni tal-gvern li jirriforma l-amministrazzjoni pubblika huwa inqas dedikat, għalkemm it-tmiem ta' l-interferenza politika fis-servizz ċivili huwa ta' l-oġġla importanza għall-gvern preżenti;
 - (b) jinnota l-impenn tal-Ministru tal-Ġustizzja Kroat biex ssegwi ir-razzjonaliżmu, kif imħabbar, tan-numru ta' qrati li qed joperaw fil-pajjiż, sabiex isiru aktar professjonali u effiċjenti ifakkar lill-Ministru li dan il-proċess għandu jkompli id f'id mat-twaqqif ta' proċeduri u kriterji adegwati għall-ħatra u l-evalwazzjoni ta' staff ġudizzjarju li jipprovi biżżejjed garanziji għal ġudikatura professjonali u indipendenti; jilqa' f'dan ir-rigward l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma għall-iżvilupp ta' kriterji ta' qafas ġodda għall-evalwazzjoni ta' l-imħallfin u l-emenda ta' l-Att dwar il-Qrati li tindroduċi l-obbligu li l-imħallfin jiddikkjaraw il-beni tagħhom u l-possibilità li jitransferixxu imħallfin fi qrati mgħobbija żżejjed bil-kawżi; huwa konvint li l-każijiet li għadhom b'lura għandhom jiġu indirizzati wkoll billi jiġu

promossi mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim bl-għan li tinkiseb sistema ġudizzjarja effettiva;

- (c) ifaħħar lill-Kroazja talli kkoperat b'mod sħiħ mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Jugożlavja (ICTY)); huwa mħasseb, madankollu, li kif jidher mid-deċiżjonijiet ġudizzjarji reċenti, il-prosekuzzjoni effettiva tar-reati tal-gwerra tista' tkun imdgħajfa b'ostilità flivell lokali, b'xaqlib persistenti bejn xi staff ġudizzjarju kontra ċittadini mhux Kroati u b'nuqqas ta' protezzjoni tax-xhieda kontra l-intimidazzjoni; iħeġġeġ b'mod attiv lill-Gvern Kroat biex jinkoraġġixxi u jappoġġja l-prosekuzzjoni tar-reati tal-gwerra, indipendentement min-nazzjonalità ta' min ikkommettihom; huwa mħasseb ukoll dwar ċerti inizjattivi li tteħdu mill-Gvern, b'mod partikulari l-offerta tiegħu biex jappoġġja l-ispejjeż tad-difiża għal ġenerali ta' l-armata u t-talba tiegħu sabiex jaġixxi *amicus curiae* f'każijiet pendenti quddiem l-ICTY;
- (d) huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet u l-partiti Kroati kollha għandhom jaġġixxu kontra l-perċezzjoni tal-pubbliku ta' l-ICTY bħala istituzzjoni ostili u jippublicizzaw l-irwol li għandu t-Tribunal fil-prosekuzzjoni ta' reati kommessi kontra persuni ċivili Kroati;
- (e) jinnota li hemm qafas legali xieraq dwar il-protezzjoni ta' minoranzi kif ukoll impenn ċar li l-minoranzi jiġu integrati fis-sistema politika; ifakkar l-importanza li tkun garantita r-rappreżentazzjoni xierqa ta' dawk il-minoranzi fis-servizz ċivili, fil-forzi tal-pulizija u fil-ġudikatura, kif ukoll it-trattament ugwali fi kwistjonijiet dwar il-proprjetà u dwar l-ekonomija; isejjaħ għall-iżvilupp fuq kull livell ta' amministrazzjoni ta' l-Istat u ta' pjan ta' azzjoni konkret biex tintlaħaq rappreżentazzjoni proporzjonali tal-minoranzi, skond id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Kostituzzjonali u b'dispożizzjonijiet xierqa għall-monitoraġġ;
- (f) jinnota b'sodisfazzjon l-iżviluppi pożittivi fil-proċess tar-ritorn ta' refuġjati u ta' persuni spustati; jistieden lill-Gvern sabiex jinkoraġġixxi aktar r-ritorn billi jfittex mezzi ġusti, effettivi u sostenibbli biex jindirizza l-kwistjonijiet ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-impjeg, peress li dawn huma l-inkwiet ewlieni ta' dawk li potenzjalment ser jintbagħtu lura; jitlob lill-awtoritajiet Kroati biex jiggarantixxu s-servizzi ta' l-ilma u ta' l-elettriku għall-irħula kollha konċernati;
- (g) jilqa' il-pjan il-ġdid għal ħames snin tal-Gvern biex jindirizza l-kwistjoni tal-provvediment ta' l-alloġġ għad-detenturi preċedenti tad-dritt tal-kera barra l-oqsma ta' interess speċjali għall-istat; f'dan il-kuntest jenfasizza l-ħtieġa għall-implimentazzjoni mħaffa tal-pjan ta' azzjoni l-ġdid, sabiex jindirizza l-ħtiġijiet urġenti tal-popolazzjoni kkonċernata;
- (h) jerġa għal darb'oħra jistieden lill-awtoritajiet Kroati biex jerġgħu jiftħu t-terminu ta' skadenza għar-rikonoxximent tas-snin ta' ħidma fir-rigward tal-persuni li ħadmu fl-hekk imsejħa "Republika Srpska Krajina" matul il-kunflitt u biex iħallu lil dawk li m'humix residenti japplikaw għal tali rikonoxximent ukoll; ifakkar lill-awtoritajiet li dan jista' jkun sinjal tanġibbli tar-rieda tal-Kroazja biex tegħleb il-qasmiet li tħallew mill-kunflitt u tippromwovi rikonċiljazzjoni fil-pajjiż;
- (i) jinnota bi pjaċir it-tkabbir ekonomiku tal-Kroazja li qed jiżdied b'mod stabbli, ibbażat fuq aġenda ta' riforma ambizzjuża u investment privat qawwi, u jittama li

dan dalwaqt jissarraff f'aktar impjiegi u f'impjiegi aħjar;

- (j) ifakkar lill-awtoritajiet Kroati li ekonomija tas-suq miftuħa u kompetittiva hija rekwiżit fundamentali għas-šhubija fl-UE; iħeġġiġhom għalhekk biex jimplimentaw b'mod iktar serju u bi pronteza il-miri miftehma għall-bejgħ ta' l-interessi ta' l-istat fil-kumpaniji kemm jekk f'minoranza kif ukoll f'maġġoranza u għat-tnaqqis tas-sussidji ta' l-istat, b'mod partikulari fl-oqsma tal-bini tal-vapuri u f'ta' l-azzar; jemmen li għandu jsir aktar biex is-suq Kroat jinfetaħ għall-investituri barranin u fornituri tas-servizzi u sabiex jitqegħdu fuq l-istess livell bħall-operaturi nazzjonali; jappella lill-Kroazja sabiex tawtorizza l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn ċittadini ta' l-UE, bl-eċċezzjoni taż-żoni eżenti, billi tuża b'mod sħiħ u espedienti l-proċeduri eżistenti tagħha; ifakkar li l-oġġettivi ta' hawn fuq huma diġà previsti fil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kroazja;
 - (k) jistieden lill-gvern Kroat sabiex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tiegħu sabiex jibbenefika b'mod intensiv mill-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni;
10. Ifaħħar lill-Kroazja tar-rwol pożittiv u ewlieni li għandha fl-Ewropa tax-Xlokk u f'dan il-kuntest jilqa' l-attivitajiet tal-Gvern Kroat fil-kapaċità kurrenti tiegħu bħala President-fil-Kariga tal-Proċess tal-Koperazzjoni fix-Xlokk ta' l-Ewropa; jitlob lill-Kroazja u lill-istati ġirien tagħha biex isolvu darba għal dejjem il-kwistjonijiet dwar il-konfini li għadhom mhux solvuti;
 11. Ihegġegħ b'mod partikulari kemm il-gvern Kroat kif ukoll dak Sloven sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet kollha disponibbli sabiex jaslu fi ftehim dwar il-kwistjonijiet pendenti dwar il-fruntieri, filwaqt li jieħdu kont tal-ftehim li ntlaħaq s'issa u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u tat-18 ta' Ġunju 2004, u jistiedinhom sabiex jastjenu minn kwalunkwe azzjoni unilaterali li tista' ddgħajjef argument bħal dan;
 12. ihegġegħ li wieħed jirrikorri għal servizzi ta' parti terza jekk ma jistgħux jinstabu soluzzjonijiet mal-pajjiżi ġirien b'mod bilaterali għal kunflitti miftuħa dwar il-fruntieri;
 13. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex thegġegħ u tappoġġja ulterjorment proċess ta' verità u rikonċiljazzjoni fuq bażi wiesgħa, kemm fil-Kroazja kif ukoll madwar il-Balkani tal-Punent, u sabiex tinkludi pajjiżi ġirien oħra fejn meħtieġ; jemmen bis-sħiħ li dan il-proċess għandu jinvolvi s-soċjetà ċivili, atturi politiċi u rappreżentanti tal-kultura, u li għandu jwitti t-triq fir-reġjun għal paċi u stabbiltà dewwiema; jikkunsidra li dan il-proċess ta' rikonċiljazzjoni għandu, b'mod partikulari, ikollu bħala mira ż-żgħażaġħ u li għandu jinkludi eżami bir-reqqa ta' kotba ta' l-iskola u kurrikula għat-tagħlim ta' l-istorja;
 14. F'dan ir-rigward jinkuraġġixxi l-isforzi kollha magħmula mis-soċjetà ċivili Kroata sabiex tinvolvi lill-pubbliku f'dibattiti u sabiex tqajjem kuxjenza pubblika dwar il-passat riċenti tal-Balkani tal-Punent; jenfasizza li organizzazzjonijiet mhux governattivi Kroati huma element fundamentali u indispensabbli f'soċjetà ġenwinament pluralistika; jistieden lill-Gvern Kroat sabiex jappoġġja tagħlim fil-qasam ta' l-istorja riċenti li jrawwem il-fehim reċiproku;
 15. Jistieden lill-Istati Membri sabiex ikollhom rwol attiv fil-proċess lejn l-adeżjoni tal-Kroazja, biex b'hekk jippermettu lill-Kroazja tibbenefika mill-esperjenzi tagħhom tar-riformi;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jippreżenta din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kroazja.